# ANNIVERSARJI EGĦŻIEŻ MARBUTIN MAL-BANDA 'SLIEMA'



*minn PATRI RANIERO ZAMMIT, KAPUĊĊIN*

Ħsibt li jkun interessanti li niġbor fil-qosor xi tifkiriet egħżież marbutin mal-Każin tal-Banda 'Sliema'. Minħabba l-ispazju jkollna nġibu biss dawk il-ġrajjiet l-aktar importanti li twettqu kull 10 snin sal-lum.

## 60 Sena Ilu

### *Il-Banda u l-Karnival*

Fi Frar tal-1926 il-Banda 'Sliema' ħadet sehem fl-isfilata tal-Karnival ta' Malta fil-Belt Valletta. Kien aktarx għall-ewwel darba mit-twaqqif tagħha fl-1923, li l-Banda tagħna daħlet għall-kompetizzjoni bil-kostum u karru armat għall-okkażjoni billi fil-Kronaka tal-Każin qatt ma jissemma xejn qabel dan. Mela, fit-Tnejn tal-Karnival il-Banda għamlet Marċ *"alla venezjana"* fit-toroq tal-Belt li beda fis-6.00 p.m. u ġiet iġġudikata t-Tieni mill-Ġurija fil-kategorija tal-Baned. Għal dan il-Banda ngħatat Midalja tal-Fidda u Ċertifikat mill-Kumitat Organizzattiv tal-Karnival. Wieħed jista' jaħseb il-ferħ u s-sodisfazzjon tal-partitarji tal-Banda tagħna għal dan l-unur li kisbu.

### *Il-Banda tagħna u s-Sliema Wanderers Football Club*

Nibqgħu fis-sena 1926. Il-Ħadd 21 ta' Marzu l-Każin tal-Football ta' Tas-Sliema, is-Sliema Wanderers F.C. rebaħ il-kampjonat f'logħba akkanita kontra r-rivali eterni tagħhom, il-Floriana F.C. bl-iskor ta' 4 – 1. Il-Ħadd ta' wara kienet okkażjoni ta' festa kbira f'Tas-Sliema u eluf ta' partitarji iffesteġġjaw bil-kbir il-players fix-xatt. Il-Banda tagħna għalhekk, flimkien ma' dik ta' Stella Maris, ħarġu jdoqqu sa waslu x-Xatt, fost entużjażmu mmens ta' nies, fost l-isparar u ħruq ta' musketterija, fejn iż-żewġ Baned Slimiżi qagħdu jferrħu l-folla.

---

"Patri Raniero (Leli) Zammit u ħutu joffru l-ispejjeż ta' dina l-paġna b'tifkira ta' nannuhom Mikielanġ Zammit li kien ħa u ta sehem siewi f'dak li ġara nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju 1910. Biex imbagħad 75 sena ilu bdiet toħroġ kif jixraq il-vara għażiża tal-Madonna tas-Sacro Cuor fil-purċissjoni tal-festa".

### *Il-Banda 'Sliema' iżżanżan l-Uniformi*

Għadna fl-istess sena 1926. F'Marzu ta' din is-sena tlestiet l-uniformi tal-Bandisti, li skond kif jingħad qamet mal-£200. Il-flus inġabru minn għand il-partitarji u l-membri u minn attivitajiet oħra ta' rikrejazzjoni. Skond kif qalli kuġinuwi, is-Surmast Kelinu Zammit, li kien wieħed mill-ewwel alljievi tal-Banda u huwa stess kien fost il-bandisti li libsu l-uniformi għall-ewwel darba dak inhar, id-drapp u materjal ieħor ħa ħsieb iġibu s-Sur Anton Grech, li kien importatur, minbarra li kien wieħed mill-Fundaturi tal-każin u mbagħad ukoll għal ħafna snin Segretarju, kaxxier eċċ. Id-disinn tal-arma tal-Banda sar ukoll mis-Sur A. Grech li ġie approvat mill-Kumitat b'akklamazzjoni! Għall-okkażjoni biex tiżżanżan l-uniformi l-Kumitat ħaseb ifassal programm apposta u jorganizza festa doppja. Ġie deċiż li dak inhar li tiżżanżan l-uniformi, il-Każin jiġi wkoll ikkonsagrat lill-Qalb ta' Ġesù kif fil-fatt sar. Fil-Każin hemm sal-lum daqsxejn ta' Kappella ħelwa armata b'kulma jinħtieġ għal dan.

### *Il-Każin ikkonsagrat lill-Qalb ta' Ġesù*

Il-festa doppja li semmejna hawn fuq saret il-Ħadd, 11 ta' Lulju 1926. Għal din l-okkażjoni ġiet mistiedna wkoll iddoqq il-Banda "Duke of Edinburgh" tal-Birgu. Fis-7 a.m. wasal fil-każin il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta, Monsinjur Dun Alwiġ Camilleri, li qaddes quddiesa bi tqarbina ġenerali u mbagħad quddiem il-Kumitat, Membri, Bandisti u partitarji kkonsagra l-Każin lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Fl-10.30 a.m. saret konferenza soċjali-reliġjuża għal kulħadd fil-każin. Fil-5 p.m. bdiet iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-uniformi lill-Bandisti, sar diskors u riċeviment, u mbagħad il-Banda tal-Birgu akkumpanjat lill-Banda "Sliema" sax-Xatt ta' Tas-Sliema, it-tnejn idoqqu b'marċi brijużi fost l-entużjażmu ta' kulħadd. Fix-Xatt iż-żewġ Baned daqqew programm kull wieħed. Il-Banda tagħna esegwiet dan il-programm:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Marcia Sinfonica | – | Campanelle di Fossalto | – | U. Lozzi |
| 2. | Sinfonia | – | Ungarische Lutspiel | – | Keler Bela |
| 3. | Fantasia | – | Andrea Chenier | – | Giordano |
| 4. | Preludio Sinfonico | – | Loreley | – | Catalani |
| 5. | La Fiera Nro. 2 | – | Scene Spagnole | – | P. Lacome |

6. Inno Sliema, ta' Giuseppe Grech, dan kien l-ewwel Innu qabel sar dak li hemm illum ta' Mro. Cardenio Botti, versi tal-Prof. Lwigi Billion.

Francesco Xuereb
Maestro Direttore.

U biex żgur din il-festa doppja tkun waħda li ma tintesa qatt, wara li ż-żewġ Baned spiċċaw il-programmi tagħhom, telgħu lura mix-Xatt lejn il-Każin idoqqu marċi ferrieħa fejn wara sar riċeviment għall-Bandisti u s-Soċji.

*Il-Banda tagħna u l-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru*

Il-kumitat tal-Festi Nazzjonali stiednu lill-Banda 'Sliema' tieħu sehem fil-festi li kienu jsiru f'ħafna bliet u rħula ta' Malta nhar it-8 ta' Settembru. Għalhekk il-Banda tagħna nhar is-26 ta' Settembru 1926 għamlet marċ mill-Każin mat-toroq ta' Tas-Sliema u mbagħad esegwiet programm fix-xatt li kien mixgħul u mżejjen għall-okkażjoni u li kien maħnuq bin-nies jisimgħu attenti.

*Il-Banda 'Sliema' u ċ-Ċentinarju tal-mewt ta' San Franġisk*

Fix-xahar ta' Ottubru 1926 ħabat is-Seba' Ċentinarju mill-mewt tal-Patrijarka San Franġisk t'Assisi. Fil-Knisja Parrokkjali tagħna tal-Madonna tas-Sacro Cuor immexxija b'tant imħabba u għaqal minn uliedu l-Patrijiet Franġiskani, saru festi kbar. Il-Banda tagħna ħadet sehem bħal dejjem f'dawn il-festi billi għamlet żewġ programmi fuq iz-zuntier tal-Knisja. Għal din l-okkażjoni, is-Sur Franġisk Barbuto, ammiratur kbir tal-Knisja u l-Każin, ippreżenta Bandalora lill-Każin b'tifkira ta' dawn il-festi ċentinarji. U hekk għalqet is-sena 1926 – Sittin sena ilu – li kif rajna kienet waħda mill-iżjed attivi u ta' ferħ u sodisfazzjon għall-Każin u l-Banda 'Sliema' u l-ħafna partitarji tagħhom.

**50 Sena Ilu**

*Programmi tal-Banda u Żjara tal-Arċisqof Ġorġ Caruana, Slimiż*

F'Lulju 1936, insibu l-Banda 'Sliema' tagħmel servizi f'dawn il-festi:

A) Fil-Bajja ta' San Ġiljan (il-Balluta) għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu; wara l-programm, il-partitarji tal-Karmnu rregalaw Tazza tal-Fidda lill-Banda tagħna. Ta' min isemmi li sa mill-1924 'il quddiem, il-Banda 'Siema' ħadet sehem kull sena, sa ftit ilu, fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu f'San Ġiljan.

B) Fil-5 ta' Diċembru 1936 żar il-Każin tal-banda 'Sliema' l-Arċisqof Ġorġ Caruana, Delegat Appostoliku f'Kuba, u li huwa wild Tas-Sliema. Dan iż-żmien kien President tal-każin tagħna ħuh stess, Dr. Emmanuel Caruana M.D., li barra milli tabib kien ukoll mużiċista mill-aqwa hu nnifsu. Kien jum ta' ferħ kbir għall-Każin tagħna dak inhar, billi ż-żewġt aħwa kienu wkoll twieldu u trabbew fl-inħawi tal-Knisja tagħna. It-tnejn għamlu isem u ġieh lil Tas-Sliema.

C) F'dan iż-żmien ukoll ġew maħtura żewġ Assistenti Diretturi tal-Banda tagħna u biex jgħallmu l-alljievi ġodda Kelinu Zammit, Kuġinuh, u Leopoldu Buhagiar.

**40 Sena Ilu**

*Aktar Servizzi mill-Banda 'Sliema'*

F'Ġunju ta' l-1946, il-Banda 'Sliema' kienet mistiedna mill-Kumitat Nazzjonali li ħatar il-Gvern biex tiġi ċċelebrata r-rebħa u t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija. Kienu jiem ta' ferħ għall-poplu kollu wara l-ħerba u l-

vittmi li ħalliet warajha l-gwerra, u li Tas-Sliema kienet fost l-ewlenin li ġarrbet il-ħsara kemm fost il-bini u l-knejjes tagħha kif ukoll fost uliedha. Għalhekk il-Banda tagħna dis-sena, minbarra li ħadet sehem fil-*Victory Parade* b'marċi brijużi, kif ukoll bħal dejjem fil-Festa Titulari tal-Parroċċa tagħna, għamlet ukoll servizzi fil-festa ta': a) San Ġorġ M. f'Ħal Qormi; b) San Ġużepp fl-Imsida u; c) Tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.

## 30 Sena Ilu

### *Il-Festa Titulari tal-Parroċċa Tagħna*

Għalkemm m'għandniex f'idejna xejn li juri li l-ħidma tal-Banda 'Sliema' għal din is-sena 1956 kienet xi waħda sfiqa, madankollu huwa żgur li l-banda bħal kull sena ħadet sehem sħiħ u ferrħet it-triqat tal-Parroċċa tagħna fil-jiem tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa Titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

## 20 Sena Ilu

### *Ħatra tal-President Dr. Ċensu Tabone*

Fis-Seduta Ġenerali li saret fil-Każin tal-Banda 'Sliema' nhar il-Ħadd, 13 ta' Frar 1966, ġie maħtur President tal-Każin tal-Banda Sliema Dr. Ċensu Tabone M.D. ħatra li wara għoxrin sena għada sseħħ sal-lum. Huwa rekord fost il-mibkijin Presidenti kollha li minn żmien għall-ieħor mexxew b'għaqal u mħabba lill-Banda tagħna. Kien tassew ħsieb f'waqtu li sentejn ilu ġiet imqiegħda u mwaħħla Lapida ta' rħam fit-taraġ tal-każin fejn jidhru l-ismijiet illustri tal-Presidenti kollha, mikxufa mill-President ta' Malta, l-E.T. Sinjorina Agatha Barbara nhar it-30 ta' Ġunju 1984.




Din il-lapida bil-lista tal-Presidenti hija waħda mix-xogħlijiet ta' l-iskultur R. Pisani li ħadem il-lapida li tfakkar il-Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Każin u tal-Banda (1923 – 1973).

## 10 Snin Ilu

### *Qawmien u Ħidma Kbira fost iż-Żgħażagħ tal-Banda 'Sliema'*

Qabel u tul dis-sena 1976, il-Każin tagħna ra qawmien ġdid u ħidma kbira biex jiġu mrawma Bandisti Żgħażagħ minn fost ulied il-Parroċċa tagħna stess. Din il-ħidma tat il-frott tagħha billi għall-Festa Titulari tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù dis-sena ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba mhux inqas minn 10 Bandisti żgħażagħ. Dawn ġew imħarrġa mis-Surmast Direttur tal-Banda 'Sliema' il-Kaptan Giuseppi Buttigieg R.M.A. megħjun mill-Assistenti tiegħu Michael Borg u Lilly Borg. Il-maħbub Surmast G. Buttigieg dam imexxi l-Banda tagħna b'imħabba, b'paċenzja u għaqal għal 40 sena sħaħ. Biżżejjed ngħidu li bis-saħħa tiegħu u bl-għajnuna tad-Delegati tal-Banda u tal-Kumitat il-Każin seta' jħares b'fiduċja sħiħa lejn il-futur b'dawn iż-żgħażagħ u oħrajn fi ħdanu li ġew wara. Huwa ta' sodisfazzjon għall-partitarji tal-Banda 'Sliema' li minn xi snin 'l hawn twaqqfet il-Fergħa Żgħażagħ tal-Banda li mimlijin entużjażmu u mħabba dejjem taw sehemhom u ħidmithom bla serħan għall-Każin u dejjem issibhom lesti jagħtu ħinhom u xogħlhom bla ħlas biex iġibu 'l Każin 'il quddiem.

### *Sehem il-Banda 'Sliema' matul l-1976*

A – Nhar l-Ewwel tas-Sena, fl-1 ta' Jannar, l-Alljievi l-ġodda daqqew fuq iz-zuntier tal-Knisja tagħna u ferrħu lill-ġenituri tagħhom u lil kulħadd bil-bċejjeċ ta' mużika li esegwew, fost l-applawsi tal-folla kbira li kien hemm.

B -Fl-Għid il-Kbir, 18 ta' April, il-banda kollha bl-alljievi l-ġodda daret it-toroq tal-Parroċċa tagħna tferraħ lil kulħadd b'marċi brijużi.

C – Nhar jum il-Festa Liturġika tal-Madonna tas-Sacro Cuor, stabbiliet kull sena fl-aħħar Sibt tax-xahar ta' Mejju, li ħabat fid-29 ta' Mejju l-banda tagħna l-ewwel għamlet Marċ mat-toroq u mbagħad Programm fuq iz-zuntier tal-Knisja. Minn xi sena 'l hawn, f'din il-festa liturġika tal-Madonna tagħna bdiet u għadha kull sena toħroġ il-Vara sabiħa tas-Sultana tagħna f'pellegrinaġġ devot bit-talb.

D – Fis-26 ta' Ġunju, ġimgħa qabel lejlet il-Festa Titulari, il-Banda daqqet marċi brijużi fuq iz-zuntier tal-Knisja fil-Ħruġ tal-Vara min-niċċa u wara wkoll għamlet marċi oħra mat-toroq tal-Parroċċa.

E – Il-Ħamis, 1 ta' Lulju, it-tieni Jum tat-Tridu, sar riċeviment fis-sala l-kbira tal-Każin għas-Soċji u Bandisti u l-familji tagħhom kif ukoll għall-mistednin speċjali bħalma huma l-Membri Parlamentari kollha tad-Distrett ta' Tas-Sliema, rappreżentanza mill-Każin tal-Banda Stella Maris, tas-Sliema Wanderers F.C. eċċ. mis-7.30 p.m. u m'għandniex xi ngħidu l-Kommunità tal-Patrijiet li jmexxu l-Parroċċa tagħna, bil-Provinċjal, il-Gwardjan u l-Kappillan.

F – Il-Ġimgħa, 2 ta' Lulju, wara l-Barka tal-aħħar jum tat-Tridu fil-knisja, il-Banda għamlet bħas-soltu l-Marċ madwar it-toroq prinċipali tal-Parroċċa fost l-entużjażmu tal-folla li akkumpanjathom.

G – Is-Sibt, 3 ta' Lulju, lejlet il-Festa, il-Banda 'Sliema' l-ewwel esegwiet fuq iz-zuntier l-Innu Immortali "Lis-Sinjura Tagħna Tal-Qalb ta' Ġesù" miktub mill-Prof. Luigi Billion u mmużikat mill-Maestro Ferdinandu Camilleri akkumpanjati mill-Kor u akkompanjati minn Tenur u Baxx, u mbagħad daqqet bċejjeċ ta' mużika klassika u fl-aħħar għamlet marċ brijuż takkompanja l-istatwa 'ta' Barra' minn ħdejn il-Knisja sax-Xatt fejn tintrama fuq kolonna sabiħa, u wara li jinħaraq in-nar minn fuq il-Forti Manoel, il-Banda terġa' lura lejn il-Każin tferraħ lill-kotra kbira ta' nies, fosthom bosta turisti li jkunu ġew hemm u ħanqu x-Xatt biex jaraw dan l-ispettaklu kbir ta' ferħ u briju.

Ħ – Il-Ħadd, 4 ta' Lulju, nhar il-Festa, filgħodu wara l-Paniġierku tal-Quddiesa Solenni fil-Knisja, il-banda 'Sliema' għamlet il-Marċ tradizzjonali kbir madwar it-toroq armati tal-Parroċċa bl-entużjażmu immens tas-soltu. Il-marċ daħal lura l-Każin għall-ħabta tas-2.00 p.m.

I – Ta' min isemmi li l-każin tal-Banda 'Sliema' kull sena fil-Festa tal-Parroċċa jagħti s-sehem tiegħu wkoll fin-nar billi jħallas għall-ispejjeż tal-Kaxxa Infernali Spanjola li tingħata mill-Forti Manoel waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni, minbarra l-musketterija li tinħaraq fuq il-bejt stess tal-Każin. U la ġejna f'dan, wieħed isemmi wkoll li sena qabel, il-Każin tal-Banda 'Sliema' ħallas l-ispejjeż tal-pittura ta' waħda mil-lunetti tal-Koppla tal-Knisja, fejn tidher l-arma tal-Banda, impinġija (bħas-saqaf kollu) mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.

## *Il-Lum – 1986*

U hekk wasalna fl-aħħar ta' dawn il-ġrajjiet ta' Anniversarji egħżież fl-istorja tal-Banda 'Sliema' tul dawn l-aħħar 60 sena, kull għaxar snin. Iżda ma nistgħux inħallu għaddejja bla ma nsemmu ġrajja storika u wisq għażiża għal kull min iħobb tassew il-Każin u l-Parroċċa maħbubin tagħna. Hija ġrajja tad-deheb li tagħha llum qed niċċelebraw il-75 Anniversarju: dik ta' meta ħarġet għall-ewwel darba solennement il-Vara tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù bil-permessi kollha meħtieġa. U huwa għalhekk li l-Banda 'Sliema' dis-sena, f'għaqda sħiħa bħal dejjem mal-Patrijiet ħabrieka li jmexxu b'imħabba liema bħala l-Knisja Santwarju tagħna qegħdin noħorġu dina l-Ħarġa Speċjali ta' Leħen il-Banda 'Sliema'. Għaliex kien bis-saħħa ta' dawk l-istess missirijietna li tħabtu u b'sagrifiċċju tagħhom, li aħna ta' llum qegħdin ingawdu dak li għandna. Għalhekk dis-sena toħroġ iżjed ħerqana l-qima minn qalbna meta titfaċċa l-Vara artistika, wirt prezzjuż li ħallielna Glormu Darmanin, bis-saħħa ta' Dun Pawl Vella li ħa ħsieb jordnaha u jġibha tas-Sliema, dik l-għajta li tnissel ferħ bla qies fil-qalb ta' kull devot tal-Madonna "VIVA, VIVA DEJJEM IS-SULTANA TAL-QALB TA' ĠESÙ".

"Il-partitarji tal-Każin tal-Banda 'Sliema' jixtiequ jfakkru u jsellmu lil dawk kollha li għenu biex il-vara sabiħa u artistika tas-Sultana tagħna tibda toħroġ kif imiss fit-toroq tagħna nhar il-festa tagħha biex tbierek lis-Slimiżi kollha u tgħinhom iħobbuha dejjem iżjed."

**N.B.:** Il-biċċa l-kbira tat-tagħrif mogħti f'dan l-artiklu huwa meħud minn kitba tas-Sur Winston L. Zammit B.A. (Hons.) M.A., l-istoriku tal-Banda 'Sliema' u ta' ħafna xogħlijiet oħra ta' siwi kbir għall-istorja ta' belt twelidna, Tas-Sliema, fosthom il-ktieb 'Tas-Sliema fl-Imgħoddi', eċċ. Il-ħabib tagħna Winston mhux biss kien u għadu membru tal-Każin tal-Banda tagħna, imma wkoll għamel żmien sewwa membru ħabrieki tal-Kumitat f'karigi differenti, l-aktar meta l-Każin iċċelebra bil-kbir il-50 Anniversarju mit-Twaqqif tiegħu fl-1973, imma wkoll għal dawn l-aħħar snin ħa ħsieb tista' tgħid waħdu jikteb u jiġbor tagħrif u l- kronaka tal-Banda u jieħu ħsieb il-ħarġa ta' kull sena fil-Festa ta' Leħen il-Banda 'Sliema'. Niżżuh ħajr ħafna ta' kollox.


*WOULDN'T YOU LIKE TO LOOK BETTER? CALL AT*

*PEACH & SORREL*

BEAUTY CARE STUDIO

ST. AGATHA STREET, SLIEMA

TEL: 331039

*Treatments Include:*

Electrolysis — Wax Depilation (Cool Organic) — Luxury Facial Treatments — Acne Treatments — Rejuvinating Facials — Skin Peeling — Blackhead Removal — Manicure — Pedicure — Make up Tuition — Occasion Make Up for Weddings, Modelling, Photographic Sessions, etc. — Electro Muscle Toning (Slendertone) — *Free* Advice on Skincare Products and Make Up. Also a wide selection of Beauty Care Products.

Send for a FREE Price list.



IMAGES

**86, HIGH STREET, SLIEMA.** **TEL: 514312**